MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 1590/1994/1

**Carmelo Zammit u b'degriet tat-12 ta' Novembru 1997 l-atti gew trasfuzi f'isem Carmelina Cilia, Generosa Zammit, Raymond Zammit, Samuel Zammit, Joseph Zammit, Rosaria Vella, Rita Zahra u John Zammit stante l-mewt ta' l-attur Carmelo Zammit li miet fil-mori tal-kawza; Matilda Zammit; Raphael Zammit; Generosa Zammit; Carmelo Zammit f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' l-assenti Raphael Zammit, Carmen Zammit, Giovanna Said, Joseph Zammit, Mary Sant, Francis Zammit, Philippa sive Phyllis Dunwoody, Doris Catania u Paul Zammit; George Zammit; Philip Zammit; Maria-Odelia Baldacchino; Dolores Tabone; Carmela sive Carmen Zammit f'isimha proprio u bhala mandatarja tal-assenti**

**Raphael Zammit u Philip Zammit; Generosa Inguanez; Lorenza Cascun; Maria Concetta Borg; Francis Sammut; u Carmen Borg; ilkoll eredi ta' Maria Zammit**

**vs**

**Emanuele u Giulia konjugi Galea.**

**Il-Qorti;**

**Preliminari**

Bic-citazzjoni odjerna l-atturi, qua eredi tal-mejta Maria Zammit li mietet fis-16 ta' April, 1993, talbu li l-konvenuti jigu kundannati jhallsuhom s-somma ta' sitt elef lira (LM6,000) dovuta minhabba self maghmul lilhom mill-mejta Maria Zammit u dana wara li ppremettew dan is-self kien jirrizulta minn kitba datata tnejn (2) ta' Lulju, 1990 fejn il-konvenuti kienu ddikjaraw illi ssellfu l-imsemmija somma bl-imghaxijiet relativi ta' tmienja fil-mija (8%); u li dawn ghalkemm interpellati baqghu inadempjenti u ma pproducew ebda ricevuti.

Il-konvenuti resqu s-segwenti eccezzjonijiet:-
1. illi l-atturi ma stabilewx b'liema titolu huma jinsabu msejha ghall-eredita' tal-mejta Maria Zammit u anqas jekk gewx osservati l-proceduri stabbiliti mil-ligi f'dan ir-rigward;
2. illi bla pregudizzju ghal fuq espost u ghall-konsegwenzi legali naxxenti mill-istess eccezzjoni l-konvenuti Galea m'humiex debituri lejn l-istess atturi jew l-aventi kawza taghhom;
In segwitu eccepew ulterjorment:-
3. illi l-gudizzju mhux integru billi hemm eredi in kwistjoni li m'humiex parti fil-kawza;
4. illi preliminarjament ukoll l-atturi jridu juru ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi huma ottemperaw ruhhom mal-art. 40(1) u (2) tal-Kap 239 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Is-sentenza appellata**

B’sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta’ Ottubru, 1999 dik il-Qorti fl-ewwel lok iddisponiet mill-eccezzjonijiet ulterjuri billi semplicement ghamlet referenza ghad-dokumenti ezebiti a fol 12, 20, 34 u 38 tal-process. Wara dan ghaddiet ghall-mertu w ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

“*Dwar l-eccezzjoni l-ohra fuq il-pagament gie deciz diversi drabi minn dawn il-Qrati li min jallega l-pagament ghandu jipprovah ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti u fid-dubbju u fin-nuqqas ta’ ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx jekk ma jigix pruvat b’mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt. (ara sentenza Vol XLIX p 776).*

*“Fil-kaz in ezami l-atturi qed jitolbu il-hlas ta’ LM6,000 minghand il-konvenuti billi rrizultalhom mir-registri u dokumenti li kienet izomm il-mejta Maria Zammit, li huma kienu ssellfu dina s-somma flus u ma kienux hallsuha lura. Il-konvenuti jammettu li kienu ssellfu dina s-somma izda qed jikkontendu li kienu hallsuha lura. Xehdu huma dwar dana u gabu bhala xhieda lit-tfal taghhom li qalu li kienu hallsu lil Maria Zammit is-somma mislufa.*

*“Il-konvenuti pero’ m’ghandhomx ricevuti x’juru li kienu ghamlu dawn il-pagamenti lura. Huma xehdu li Maria Zammit ma kinitx taghtihom ricevuta.*

*“Ghal kuntrarju l-atturi ezebew diversi dokumenti (ara fol 103 et sequitur) biex jippruvaw li Maria Zammit kellha vari modi ta’ kif kienet tirregistra s-self u l-pagamenti li kienu jsiru u li kienet thalli ricevuti. Il-P.L. Depasquale xehdet li hi kienet baghtet ghal persuni li kellhom kont pendenti ma Maria Zammit biex ihallsu. Min kien igib l-ircevuti kien ikollu ismu ngassat mir-registru. Fil-kaz tal-konvenuti dawn kien isselfu diversi drabi minghand Zammit, u fejn kienu hallsu lura, isimhom gie ngassat, izda fil-kaz tas-self ta’ LM6,000, isimhom mhux ngassat. Ghalhekk l-atturi qed jippretendu li dan id-dejn ghadu dovut.*

*“Inoltre l-atturi tellghu bhala xhud lil Salvina Gatt li xehdet illi hija kienet tissellef minghand Zammit u dina kienet tinsisti maghha biex taghtiha ricevuta kull meta thallas. Fil-fatt gara li isem Salvina Gatt deher fir-registru bhala mhux ngassat u meta l-P.L. Depasquale baghtet ghaliha, dina setghet tipproduci ricevuta u l-eredi (l-atturi) kienu sodisfatti u ngassaw isimha mir-registru.*

*"Fil-kaz tal-konvenuti dawn ma kienux f'posizzjoni li jipproducu ricevuta. Izda kieku insistew ghaliha, haga li ma ghamlux, Zammit kienet taghtihom ricevuta kif kienet taghmel ma l-ohrajn. Dejjem kieku hallsu lura s-somma mislufa, il-konvenuti messhom, kieku raw li Maria Zammit mhux qed taghtihom ricevuta, insistew li jhallsu b'cheque biex ikollhom xi haga x'juru u mhux allegatament ihallsu LM6,000 u m'ghandhomx xejn x'juru."*

**L-appell tal-konvenuti**

Fit-18 ta' Novembru, 1999 l-konvenuti interponew appell mis-sentenza fuq imsemmija, liema appell huwa limitat ghall-konsiderazzjonijiet maghmula mil-ewwel Qorti fir-rigward tal-eccezzjoni ta' pagament.

L-aggravji mressqa mill-konvenuti appellanti huma bazikament tejn u cioe dawk li jindirizzaw:-
a) L-oneru tal-prova u
b) L-evidenza ta' hlas tad-debitu bazata fuq prassi stabilita.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Qabel xejn ghandu jinghad li l-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti gew riportati fit-totalita' taghhom f'din is-sentenza billi hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-punti ta' dritt sollevati mill-konvenuti fir-rikors tal-appell gew ezawrjentement u korrettament kunsidrati fis-sentenza appellata.

Qed jigi sottomess mill-appellanti li l-oneru tal-prova tal-ezistenza tad-debitu jispetta qabel xejn lil min qieghed jittanta l-kawza. Dan huwa minnu, billi min jagixxi ghal xi kreditu jrid qabel xejn jipprova li dan il-kreditu jezisti. Izda huwa daqstant impellenti ghad-debitur li, la darba dan l-ostakolu jigi sorvolat, jressaq il-prova tal-estinzjoni tal-obbligazzjoni bil-pagament jew xort ohra in sostenn tal-eccezzjoni tieghu. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti jidher li hemm ammissjoni espressa da parti tal-konvenuti appellanti ghas-self tas-somma indikata fic-citazzjoni. F'dan ir-rigward issir referenza ghax-xhieda tal-istess

konvenuti moghtija fl-udjenza tal-21 ta' Marzu, 1995. Inoltre l-ammont in kwistjoni jirrizulta mid-dokument A a fol 5 tal-process. Dan id-dokument u l-ammissjoni tal-konvenuti jissodisfaw il-prova ta' l-ezistenza ta' dan id-debitu. Dan stabilit jinkombi lill-konvenuti li jipprovaw l-pagament.

Huwa generalment rikonoxxut li l-prova ta' pagament ta' debitu tista' tinghata mhux biss b'ircevuti li, b'certa finalita` jattestaw l-estinsjoni tal-obbligazzjoni, izda din il-prova tista' tingieb ukoll b'mezzi ohra. Fl-assenza ta' ricevuti, pero`, il-prova trid tkun tali li ma thalli ebda dubbju f'mohh il-gudikant partikolarment meta, bhal fil-kaz in ezami, l-kreditur originali ikun gie nieqes.

Il-konvenuti qed jisostnu li l-fattispecje tal-kaz huma indikativi ta' prassi li kienet tezisti bejn l-mejta Maria Zammit u l-appellanti. Skond l-appellanti tant kien hemm relazzjonijiet tajba bejniethom li ma kienx hemm in-necessita` ta' ricevuti jew formalizmu zejjed fiz-zamma tal-kontijiet. Din is-sottomissjoni mhux sorretta mill-provi. In effetti l-P.L. Carmen Depasquale, li kienet giet inkarigata mill-eredi biex tiehu hsieb l-pendenzi ta' Maria Zammit, tikkontradici dak li qed jghid l-appellanti fuq zewg fatturi importanti billi din ix-xhud qalet li fir-regsitru li kienet izzomm il-mejta Maria Zammit, kien jigi registrat "*record ta' xi thallas*", u kompliet hekk "*Per ezempju jekk niftah pagna kif gie gie, ghandi d-data, hawn fuq hawn l-ammont li silfet, imbghad data wara l-ohra kemm qatghu, qatghu kapital u qatghu l-imghax. U baqghet sejra hekk*." Infatti din is-sistema tal-mejta Maria Zammit tirrizulta mid-diversi kopji ta' folji tar-registru ezebiti mill-atturi, kif ukoll l-istess d-dokument A a fol 5 tal-process li fil-parti ta' fuq tieghu ezattament qabel in-notament tas-self maghmul lill-konvenuti, jinsab registrat pagament li sar minn certa Mary Grech fil-15 ta' Gunju 1973 akkont tad-debitu taghha. Inoltre mix-xhieda tal-istess P.L. Carmen Depasquale, jirrizulta li wara li din kitbet lill-numru ta' nies li kienu jirrizultaw mir-registru jew minn xi dokumenti ohra mizzmuma mill-istess Maria Zammit, "*Fil-fatt hafna minnhom, nahseb two thirds tan-nies li ktibt,* <u>*u kienet lista*</u>

*twila, (*enfazi tal-Qorti) *kienu jigu d-dar u juruni l-ircevuti taghhom.*"

Minn din ix-xhieda jidher li, kuntrarjament ghal dak li qed jinghad mill-konvenuti appellanti, l-mejta Maria Zammit kienet, bhala ma huwa mistenni minn persuna li tislef il-flus, izzomm rendikont dettaljat tal-pagamenti kollha li kienu jsirula b'hlas lura tas-self; barra minn hekk kienet ukoll tirrilaxxa ricevuti regolarment. Jigi osservat li persuna li ripetutament tislef flus lill-terzi ta' bilfors izzomm notament tad-dhul u hrug partikolarment meta l-ammonti jkunu sostanzjali bhal fil-kaz in ezami u partikolarment meta l-hlas lura jkun miftiehem li jsir ratealment. Fin-nuqqas tali persuna ma tkunx f'posizzjoni li tikkontrolla li stat tat-transazzjonijiet multeplici taghha. Is-suggeriment li qed isir mill-konvenuti appellanti, u cioe` li kollox kien bazat fuq hbiberija u rispett reciproku, jista' jwassal ghal konkluzzjoni li Maria Zammit kienet tislef lill-konvenuti appellati minghajr il-htiega ta' dokument notarili, bhalma gie li sar f'kazijiet ohra, izda qatt ma jista' jigi nterpretat li l-istess Maria Zammit ma kienet izzomm ebda notament tal-pagamenti li kienu jsirulha. Effettivament ma jirrizultaw ebda notamenti rigwardanti pagamenti fuq dan id-debitu u konsegwentement din il-Qorti ma tistax tigbed konkluzzjoni differenti minn dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell qed jigi michud bl-ispejjes kontra l-konvenuti appellanti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------